MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 465/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tracey Busuttil**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Tracey Busuttil talli nhar-il 14 ta' Awwissu 2010 ghall-habta ta' 15:00hrs, meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex taghti access lil Joseph Cassar ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Tracey Busuttil hatja u kkundannatha gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Tracey Busuttil epprezentat fit-3 ta’ Novembru 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti (1) tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena jew (2) sussidjarjament, tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena applikata kontriha tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ta’ dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-verzjoni moghtija mill-parte civile hija konfliggenti ma’ dik ta’ l-appellanti. Anzi l-parte civile kien stqarr ma’ l-Agenzija Appogg li ma kienx ser jinsisti ghall-access u lanqas biss resaq ghall-access fix-xhur intervenjenti sad-data ta’ l-imputazzjoni; (2) li biex tottempera ruhha mad-digriet tal-Qorti, l-appellanti hadet it-tfal fil-hin u data ta’ l-access. Il-parte civile kien avzaha ftit qabel li kien ser imur biex jghaddilha l-manteniment u meta mar fuq il-post beda jinsulentaha u jingurjaha quddiem it-tfal; (3) li l-parte civile ma hax it-tfal b’konsegwenza ta’ l-agir tieghu stess u mhux ta’ l-appellanti; (4) li, sussidjarjament, il-piena hi eccessiva.

Fis-seduta tallum l-appellanti esebiet kopja ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja fit-13 ta’ Jannar 2011 fl-ismijiet **Tracy Busuttil pro et noe vs Joseph Cassar** li permezz taghha, wara li giet ipprezentata skrittura privata li biha l-partijiet lahqu ftehim fuq il-pendenzi mertu tal-kawza, dik il-Qorti, prevja adozzjoni fl-intier tal-ftehim milhuq, laqghet it-talbiet attrici fit-termini ta’ l-istess ftehim.

Skond l-artikolu 9 tal-ftehim imsemmi, Joseph Cassar iddikjara li m’ghandu ebda interess li jkompli l-proceduri quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (sede Krimnali) u li qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali mertu ta’ dawn il-

proceduri. Nonostante cio`, l-azzjoni kriminali fir-rigward tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(ll) mhijiex rinunzjabbli peress illi hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku.

Din il-Qorti, wara li semghet is-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Dottor Lorraine Schembri Orland ghall-appellanti u ta' l-Avukat Dottor Francois Dalli ghall-Avukat Generali, hi tal-fehma li l-ftehim raggunt mill-partijet kif adottat bis-sentenza msemmija u d-dikjarazzjoni ta' Joseph Cassar li m'ghandux aktar interess fil-proceduri kriminali jiswew bhala raguni biex ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha ghal dik li hija htija, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti gimgha detenzjoni u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien xahar millum.

Fl-interess tal-minorenni tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-appellanti fil-gazzetti u mezzi kollha tax-xandir.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------